TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Luwana Vella

Vs

C.E. F. Trading Co. Ltd.

CCT 42/19/MM

Illum, 9 ta' Jannar 2024

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-21 ta' Diċembru 2021 fejn talbet is-somma ta' tmien mija u ħamsa u tletin Ewro (€ 835.00), rappreżentanti l-prezz ta' borom li skontha huma mmarkat INO18/10 VITRO INDUCTION u l-parti tal-qiegħ kien qiegħed jinqala kompletament u b'hekk kienu kompletament inutili.

Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata fejn issottomettiet illi kwalunkwe dannu li setgħu ġarrbu dawn il-borom kienu a kawża tan-nonkuranza tar-rikorrenti u b'hekk mhux kopert bil-garanzija, kif ukoll li mingħajr preġudizzju, l-ammont pretiż huwa ferm għola mil-valur tal-borom in kwistjoni.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi f'Ottubru 2005 hija xtrat sett borom u użathom regolari fuq il-gas sas-sena 2019. Illi wara li bidlet il-kċina, u biet tużahom fuq l-*induction,* uħud mill-borom inqalalhom il-qiegħ. Ir-rikorrenti tgħid li dawn kienu koperti b'garanzija *lifetime* ta' ħamsa u għoxrin (25) sena. Ir-rikorrenti ssottomettiet illi meta hi lmentat dwar dawn id-difetti ma' l-intimat huwa qalilha illi dak li ġara kien minħabba li bdiet tuzaħom bl-*induction.* Tgħid ukoll li s-soċjeta intimata qaltilha li l-manifattur kien għalaq u li xi wħud mill-borom m'għadhomx jinħadmu.

It-Tribunal ra l-evidenza mhux kontestata ossia l-garanzija, xi ritratti tal-borom, u seduta stante ra waħda mill-borom milquta bl-allegat difett.

It-Tribunal jinnota li saru diversi tentattivi sabiex is-soċjeta' intimata tibdel il-borom milquta' bid-difett iżda ma ntlahaqx ftehim.

**Ikkunsidra**

Il-kunċett ta' '*lifetime guarantee'* jista' jkollu tifsiriet differenti peress li l-kelma 'lifetime' tista' tirreferi għall-ħajja tal-klijent jew dik tal-prodott. Il-'ħajja' tista' tiddependi wkoll fuq il-ħajja tal-kumpanija li tagħmel jew tbigħ il-prodott.

Biex jiġi żgurat li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa bl-idea attraenti li jkollhom garanzija li tagħtihom id-dritt għal rimedju bla ħlas sakemm ikunu fil-pussess tal-prodott, huwa meħtieġ li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-garanzija jiddeskrivu b'mod ċar it-tifsira tal-kelma 'lifetime'. Illi fil-każ odjern m'hemmx dubju li l-garanzija tal-prodott kienet għal 'lifetime' tal-prodott għal ħamsa u għoxrin (25) sena, li ingħatat bil-miktub, u t-termini u l-kundizzjonijiet kienu jinkludu informazzjoni speċifika kif deskritta fil-leġiżlazzjoni tal-konsumatur. Il-garanzija in kwistjoni tinkljudi klawsoli li jipprovdu informazzjoni dwar ir-rimedji li jistgħu jiġu mitluba, kif ukoll jekk il-garanzija teskludix ċerti partijiet tal-prodott. B'mod partikolari l-garanzija tgħid "*we will*

*repair or replace free of charge all items found to be faulty upon delivery or developing any latent defect*".

Filwaqt li l-garanziji kummerċjali jingħataw volontarjament minn bejjiegħa jew manifatturi, ladarba jingħataw dawn isiru legalment vinkolanti fuq in-negozjant li joħroġ il-garanzija.

Illi huwa mill-ewwel evidenti illi x-xorta ta' azzjoni esperita mir-rikorrenti hi dik li l-borom minnha komprati ma kienux tal-kwalita mweghda. Fi kliem iehor hi qeghda tallega inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta` intimata u, allura, qeghda tippretendi d-danni

Kif osservat, in linea generali d-danni ghandhom tifsira x'aktarx allargata minn dik tas-semplici restituzzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett mixtri. Dan, izda, ma jfisserx, imbaghad, illi d-danni ma humiex komprensivi tar-rifuzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett jekk ix-xerrej ikun illimita ruhu ghal xi wahda jew ohra minn dawn l-opzjonijiet. Ara a propozitu d-decizjoni tal-Qorti tal-Appel fl-ismijiet "**Karl Francica -vs- Luke Piscopo et**", 9 ta' Jannar, 2009.

Premess dan, hu accettat illi meta l-bejgh ma jkunx skond dak imwieghed ossija l-oggett mixtri ma jkunx konformi ghall-ftehim appattwit jew ghax ukoll difformi ghall-kampjun, il-kompratur jista' jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt avolja jkun rceva l-oggett tal-bejgh. Dan huwa hekk "*in quanto che la cosa per cui consentiva risultò essere tutt'altra che quella dedotta in contratto ... una cosa diversa da quella che era contemplata nel contrattare, e per cioe` non si concederebbe una azione redibitoria ma quella di nullita`, avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore"*. ("**Commerciante Michele Grima -vs- Negoziante Arturo von Kohen**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Frar, 1884. Ara wkoll fejn si tratta ta' bejgh mhux konformi ghall-kampjun is-sentenza fl-ismijiet"**Joseph Hanauer nomine -vs- Giovanni Maria Debono**", Appell Kummercjali, 11 ta' Ottubru, 1915);

Evidentement, il-qawwa ta' din il-prospettazzjoni tinhass aktar f'materja ta' rapport kummercjant-konsumatur skond ma jinzel mid-dispost ta' l-Artikolu 73 (1) ta' l-Att dwar l-

Affarijiet tal-Konsumatur. L-intensita ta' dan il-provvediment ghat-tutela tal-konsumatur huwa talment estiz li joffri assikurazzjoni lix-xerrej billi jimponi obbligu fuq il-bejjiegh illi l-oggetti "*ikunu konformi mad-deskrizzjoni moghtija mill-kummercjant u jkollhom il-karatteristici, il-fattizzi u l-kwalitajiet ta' l-oggetti li l-kummercjant ikun wieghed jew xort'ohraipprezenta lill-konsumatur bhala kampjun jew mudell* (subpara. "a"*), ikunu adatti ghall-iskop partikulari li ghalih il-konsumatur ikun jehtieghom* (subpara. "b"*), ikunu adatti ghall-iskop li ghalih oggetti ta' l-istess tip normalment jintuzaw (*subpara "c") *u juru l-kwalita u l-kapacita li huma normali f'oggetti ta' l-istess tip u li l-konsumatur jista' ragonevolment jistenna* ... (subpara "d");

Terga' f'dan il-kaz specifiku l-borom hekk mixtrija mir-rikorrenti kienu ggarantiti u l-borom in kwistjoni kellhom timbru li huma tajbin għall-*induction.*

Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Perito Architetto Vincenzo Zarb -vs- Barone Fc. Chapelle**", Appell Civili, 8 ta' Jannar, 1912, illi "*gli effetti della garanzia nella vendita possono essere per convenzione, estesi o ristretti"*. Inoltre mbaghad jigi puntwalizzat illi "il-*fatt li fuq id-dokument huma mnizzlin certi patti ta' garanzija, bhal fil-kaz prezenti, ma huwiex bizzejjed, wahdu, biex jeskludi l-garanizji aktar ampji li taghti l-ligi, ghax jehtieg li c-cirkostanzi tal-kaz ikunu juru li l-partijiet fil-fatt riedu u kienu kuntenti b'dik il-limitazzjoni tal-garanzija ghal dik biss li jkun espress fid-dokument b'eskluzjoni tal-garanziji legali, jew inkella li l-kondizzjonijiet tad-dokument ikun inkonciljabbli mal-garanzija legal*i". (Ara "**Joseph Cefai -vs- Carmelo Petroni et nomine**", Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju, 1957. Ara wkoll s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Christopher Falzon -vs- Noel Gauci**", 12 ta' Gunju, 2009.

Fil-kaz prezenti, kif hekk kien ukoll il-kaz in re: "**Dorianne Bartolo Vella -vs- Industrial Motors Limited**", Appell Inferjuri, 26 ta' Jannar, 2005, il-garanzija konvenzjonali pattwita kienet tikkostitwixxi mezz ta' tishih ghall-harsien tax-xerrej b'aggunta ghal dawk iggarantiti mil-ligi sija jekk mill-ottika ta' l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, sija jekk skond il-previzjoni tal-ligi specjali fl-Artikolu 73 (1) tal-Kapitolu 378 fuq riportat;

Affermati s-suesposti principji ta' dritt dan it-Tribunal iħoss b'konvinzjoni li għandu jistqarr illi mhux sodisfatta mil-linja difensjonali tas-socjeta` intimata. Mhux wisq verosimili jew

plawsibbli illi oggett li huwa ċċertifikat li huwa tajjeb għall-*induction* jinqalalu l-qiegħ ftit wara li jibda jintuża fuq l-*induction* b'dan li ma jibqax inerenti għall-uzu li għalih inxtara. Pjuttost, huwa indikattiv illi, tabilhaqq, il-borom ma kienux adatti ghall-*induction*, u wisq anqas tal-kwalita u tal-kapacita` ghal liema kellhom iservu. Fic-cirkostanzi, it-Tribunal ihoss li għandu jaccetta bħala leġittimu u gustifikat l-ilment tar-rikorrenti ghal liema ser tipprovdi l-provvediment infraskritt.

It-Tribunal qiegħad fid-deċiżjoni tiegħu jiehu in kunsiderazzjoni l-fatt li l-borom intuzaw minn meta inxtraw fis-sena 2005 sad-data tal-ilment fit-2019 u għalhekk għal erbatx (14) il-sena. Jikkunsidra wkoll li r-rikorrenti m'għandix raġun li tippretendi li tibdel il-borom kollha inkluż dawk li m'għandhom l-ebda difett u għalhekk it-talba ser tkun limitata f'dan is-sens.

**DECIDE**

Ghal motivi senjalati dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` venditrici tirrimpjazzalha l-borom li għandhom difett b'oħrajn ġodda li jridu jkunu ekwivalenti u tal-istess kwalita' u li huma ċċertifikati tajbin għall-*induction* fi zmien hmistax-il jum mil-lum. Jekk is-socjeta` intimata tonqos li taghmel dan fit-terminu lilha koncess hija ghandha tirrifondi lir-rikorrenti l-ammont illikwidat arbitro bon viri ta' erba mitt (400) Ewro.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

**Avv. Martha Mifsud**

**Arbitru**